Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2022

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2022)0001

Kompożizzjoni numerika tal-kumitati permanenti

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2022 dwar il-kompożizzjoni numerika tal-kumitati permanenti (2021/3026(RSO))

(2022/C 336/05)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Konferenza tal-Presidenti,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2014 dwar is-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-kumitati permanenti [1] u d-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar it-twaqqif ta' sottokumitat għal kwistjonijiet fiskali [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 206 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jiddeċiedi li l-kompożizzjoni numerika tal-kumitati permanenti u tas-sottokumitati tkun kif ġej:

I. il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin: 79 Membru,

II. il-Kumitat għall-Iżvilupp: 26 Membru,

III. il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali: 43 Membru,

IV. il-Kumitat għall-Baġits: 41 Membru,

V. il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit: 30 Membru,

VI. il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji: 61 Membru,

VII. il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali: 55 Membru,

VIII. il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel: 88 Membru,

IX. il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija: 78 Membru,

X. il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur: 45 Membru,

XI. il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu: 49 Membru,

XII. il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali: 43 Membru,

XIII. il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali: 48 Membru,

XIV. il-Kumitat għas-Sajd: 28 Membru,

XV. il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni: 31 Membru,

[1] ĠU C 482, 23.12.2016, p. 160.
[2] ĠU C 362, 8.9.2021, p. 181.

Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2022

XVI. il-Kumitat għall-Affarijiet Legali: 25 Membru,

XVII. il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern: 69 Membru,

XVIII. il-Kumitati għall-Affarijiet Kostituzzjonali: 28 Membru,

XIX. il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi: 37 Membru,

XX. il-Kumitat għall-Petizzjonijiet: 35 Membru,

is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem: 30 Membru,

is-Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża: 30 Membru,

is-Sottokumitat għall-Kwistjonijiet Fiskali 30 Membru;

2. Jiddeċiedi, b'referenza għad-deċiżjonijiet tal-Konferenza tal-Presidenti tat-30 ta' Ġunju 2019 u tad-9 ta' Jannar 2020 dwar il-kompożizzjoni tal-bureaux tal-kumitati, li l-bureaux tal-kumitati jista' jkollhom sa erba' viċi presidenti;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.